**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 356/02AE**

**Josephine D'Anastas, Anthony D'Anastas, Francis D'Anastas, Pauline Galea, Mary Farrugia, Maria Concetta Bugeja u Rita Pace lkoll ulied il-mejjet John Baptist D'Anastas u Catherine Muscat, Carmen Giordmaina u Cheryl Agius lkoll ulied il-mejjet Charles D'Anastas**

**Vs**

**Godwin Guntrip u martu Rita Guntrip ghal kull interess li jista' jkollha**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf mitejn u sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,287.50) rapprezentanti:

(a) Lm612.50 bilanc fuq erba' skadenzi ta' kera tal-fond Myriam Bazaar, 36, Dingli Road, Rabat liema fond gie mikri minn John Baptist D'Anastas, l-awtur ta' l-atturi lill-konvenut Godwin Guntrip;

(b) Lm675 bilanc fuq hames skadenzi ta' kera tal-fond Magpie Garage, Triq Pius V, Rabat (Malta) liema fond gie mikri minn John Baptist D'Anastas, l-awtur ta' l-atturi lill-konvenut Godwin Guntrip.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehru ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Charmaine Zammit ghall-atturi, tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti li jinsabu ezebiti fl-atti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf mitejn u sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,287.50), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**